MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 263/2004

**Maltacom PLC**

**vs**

**Charles Dimech**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Jannar, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u tlieta u hamsin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm553.54) rappresentanti hsarat fuq l-infrastruttura tas-socjeta kummercjali Maltacom plc f'Haz Zabbar, fi Triq Bajada, f'Ottubru 2001, skond invoice mibghut lill-konvenut bin-numru 9711 (GTI/2001/73), kopja taghha annessa ma'l-avviz u immarkata bhala Dokument A.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esebiet.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u tlieta u hamsin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm553.54), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------